


Kondizzjonijiet għall-importazzjoni¹ ta' materja prima u materja prima trattata għall-produzzjoni ta' ġelatina u kollaġen maħsuba għall-konsum uman (reviżjoni 2)

Il-preżentazzjoni tal-fluss kummerċjali skont il-Punt 4 tal-Kapitolu I tat-Taqsima XIV/XV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.



¹ Regolamenti (UE) 2019/625, 2019/626 u 2019/628.

² RCG: materja prima għall-produzzjoni tal-kollaġen u tal-ġelatina; TCG: materja prima trattata għall-produzzjoni tal-kollaġen u tal-ġelatina

Informazzjoni ta' sfond

Tabella 1: Tqabbil tar-regoli applikabbli għall-importazzjoni

	Il-materja prima kif imfissra fil-Punt 4(a) tal-Kapitolu I tat-Taqsima XIV/XV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004	Il-materja prima trattata (trattata skont il-Punt 4(b) (i) jew (ii) tal-Kapitolu I tat-Taqsima XIV/XV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004)	Il-materja prima trattata (trattata skont il-Punt 4(b) (iii) tal-Kapitolu I tat-Taqsima XIV/XV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004
Rekwiżiti għal materjal li jidħol tal-impjant intermedju jew tal-impjant tat-trattament fil-pajjiż terz	Stabbiliment elenkat għall-importazzjoni ta' laħam jew prodotti tas-sajd friski tal-ispeċi ta' oriġini (l-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625)	Ebda elenkar ta' stabbiliment meħtieġ (biċċeriji u/jew impjanti tat-tqattigħ approvati mhux tal-UE)	
	Konformità mal-Kapitolu I tat-Taqsima XIV/XV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004		
Rekwiżiti għal materja prima importata u għal materja prima ttrattata	Pajjiż jew reġjun tiegħu, elenkat għall-importazzjoni ta' laħam jew prodotti tas-sajd friski tal-ispeċi ta' oriġini (listi ristretti) (l-Artikolu 15 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/626)	Pajjiż jew reġjun tiegħu, listi usa' (l-Artikolu 16(1) sa (4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/626)	Pajjiż jew reġjun tiegħu, elenkat għall-importazzjoni ta' laħam jew prodotti tas-sajd friski tal-ispeċi ta' oriġini (listi ristretti) (l-Artikolu 16(5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/626)
	Elenkar ikkunsidrat sa tmiem l-2020. Jista' fi kwalunkwe każ jiġi mill-istabbilimenti elenkati għal-laħam frisk jew prodotti tas-sajd	Listi ta' stabbilimenti stabbiliti	
	Konformità mal-Kapitolu II tat-Taqsima XIV/XV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004		
	L-RCG taċ-ċertifikat ta' importazzjoni jrid jakkumpanja kull kunsinna (l-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/628)	It-TCG taċ-ċertifikat ta' importazzjoni jrid jakkumpanja kull kunsinna (l-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/628)	

It-trattamenti stabbiliti mill-Punt 4(b) tal-Kapitolu I tat-Taqsima XIV/XV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 (simplifikat)

- (i) għadam
 - a. imfarrak f'biċċiet ta' madwar 15 mm u x-xaħam tiegħu mneħħi permezz ta' ilma jaħraq b'temperatura minima ta' 70 °C għal mill-inqas 30 minuta, b'temperatura minima ta' 80 °C għal mill-inqas 15-il minuta, jew b'temperatura minima ta' 90 °C għal mill-inqas 10 minuti, u mbagħad jiġi separat u wara jinħasel u jitnixxef għal mill-inqas 20 minuta f'kurrent ta' arja sħuna b'temperatura inizjali ta' 350 °C, jew għal 15-il minuta f'kurrent ta' arja sħuna, b'temperatura inizjali ta' aktar minn 700 °C;
 - b. imnixxef fix-xemx għal mill-inqas 42 jum f'temperatura medja ta' mill-inqas 20 °C;
 - c. trattament bl-aċidu tali li l-pH jinżamm f'anqas minn 6 fiċ-ċentru tal-massa għal mill-anqas siegħa (1) qabel it-tnixxif;

- (ii) ġlud ħoxnin u ġlud oħra:
 - a. trattament bl-alkali sabiex jistabbilixxi $\text{pH} > 12$ fiċ-ċentru tal-massa segwit minn tmelliġ għal mill-inqas sebat ijiem,
 - b. tnixxif għal 42 jum f'temperatura ta' mill-anqas 20 °C,
 - c. ingħata trattament bl-aċidu biex il-pH jinżamm f'inqas minn ħamsa (5) fil-qalba għal mill-inqas siegħa,
 - d. trattament bl-alkali għall-massa sħiħa f' $\text{pH} > 12$ għal mill-inqas tmien (8) sigħat;

- (iii) għadam, ġlud ħoxnin u ġlud ta' annimali ruminanti mrobbija f'azjenda agrikola, ġlud tal-majjal, ġlud tat-tjur, ġlud ħoxnin tal-ħut u ġlud ħoxnin tal-annimali kkaċċjati u ġlud li jkunu għaddew minn xi trattament ieħor għajr dawk speċifikati fil-punt (i) jew (ii)